



Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8216/25

LIMITE

CORLX 378
CFSP/PESC 579
MAMA 71
MOG 33
CONOP 23
FIN 430

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544
li tikkonċerna miżuri restrittivi
kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544¹ li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi.
- (2) Fit-18 ta' Novembru 2024 u fl-14 ta' Frar 2025, l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW) ħarġet rapporti minn żewġ Żjarat ta' Assistenza Teknika li jikkonfermaw il-preżenza tal-aġent għall-kontroll tal-irvellijiet CS u komposti relatati fil-kampjuni miġbura, li jindikaw tendenza ta' użu għall-kontroll tal-irvellijiet bħala metodu ta' gwerra fl-ewwel linji tal-ġlied fl-Ukrajna, li hija pprojbata skont l-Artikolu I, il-paragrafu 5, tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.
- (3) F'dak il-kuntest, u fid-dawl tat-theddida kontinwa kkawżata mill-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi, jenħtieġ li tliet entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1544 tal-15 ta' Ottubru 2018 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 25, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/1544/oj>).

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK)2018/1544 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2018/1544, taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi", jiżdienu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-ejenkar
"4.	Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa (Войска радиационной, химической и биологической защиты Министерства обороны Российской Федерации)	Indirizz: Corpus 2, Building 22, Frunze Embankment, 119160 Moscow, Russian Federation Sit Web: https://eng.mil.ru/en/structure/forces/ground/structure/rhbz.htm Numru ta' reġistrazzjoni: 1037739635890 Numru Personali tal-Identifikazzjoni tal-Kontribwent (INN): 7704195013	It-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika huma l-entità kompetenti fil-Forzi Armati Russi responsabbli għall-gwerra kimika u bijoloġika. F'din il-kapaċità, it-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika huma involuti fl-użu ta' armi kimiċi mill-Federazzjoni Russa. Dawn jinkludu aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet, bħall-gass CS, li ntuża bħala metodu ta' gwerra mill-forzi Russi fl-Ukrajna, bi ksur tal-Artikolu I, il-paragrafu 5, tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi, li r-Russja hija Stat Parti għaliha. L-użu tal-gass CS ġie kkonfermat minn rapporti ppubblikati f'Novembru 2024 u Frar 2025 mill-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni ta' Armi Kimiċi (OPCW), wara Żjarat ta' Assistenza Teknika li saru fl-Ukrajna. Għaldaqstant, it-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika huma involuti fl-użu ta' armi kimiċi.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elekar
5.	Is-27 Ċentru Xjentifiku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa (27-й Центральный научно-исследовательский институт Министерства обороны Российской Федерации)	Indirizz: 51 st Khoroshevsky Passage, 123007 Moscow, Russian Federation Telefown: +7 (495) 945 76 96 Numru Personali tal-Identifikazzjoni tal-Kontribwent (INN): 7714676767 Sit Web: http://eng.mil.ru/en/science/sro/information.htm?id=10992@morfOrgScience E-mail: fin27cnii@mail.ru Entità assoċjata: Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa	Is-27 Ċentru Xjentifiku tal-Ministeru għad-Difiża Russu huwa unità subordinata tat-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika. Bħala entità ewlenija tar-riċerka fil-militar Russu, huwa jappartjeni għall-militar Russu u huwa assoċjat mal-iżvilupp u l-użu ta' aġenti kimiċi. Għalhekk, is-27 Ċentru Xjentifiku tal-Ministeru għad-Difiża Russu huwa assoċjat mat-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet għad-deżinjazzjoni	Data tal-elencar
6.	<p>It-33 Istitut Ċentrali tar-Riċerka u l-Ittestjar Xjentifiċi tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p> <p>(33 Центральный научно-исследовательский испытательный институт Министерства обороны Российской Федерации)</p>	<p>Indirizz: 1 Ulitsa Krasnoznamennaya, Volsk-18/Shikhany, Saratov Oblast, Russia; Krasnoznamennaya Street 1, Volsk-18, Saratov, 412918 Russian Federation</p> <p>Telefown: +7 (343) 255 99 88</p> <p>Numru Personali tal-Identifikazzjoni tal-Kontribwent (INN): 6441013942 / 644101001</p> <p>Website: https://ens.mil.ru/science/SRI/information.htm?id=12027@morfo rgScience</p> <p>Email: 33cnii-fes@mil.ru</p> <p>Entità assoċjata:</p> <p>Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa</p>	<p>It-33 Istitut Ċentrali tar-Riċerka u l-Ittestjar Xjentifiċi tal-Ministeru għad-Difiża huwa unità subordinata tat-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Bijoloġika u Kimika. Bħala entità ewlenija tar-riċerka u l-ittestjar fil-qasam tal-kimika fil-militar Russu, huwa jappartjeni għall-militar Russu u huwa assoċjat mal-iżvilupp u l-użu ta' aġenti kimiċi.</p> <p>Għalhekk, it-33 Istitut Ċentrali tar-Riċerka u l-Ittestjar Xjentifiċi tal-Ministeru għad-Difiża huwa assoċjat mat-Truppi tad-Difiża Radjoloġika, Kimika u Bijoloġika.</p>	+''

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni